MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 62**

**Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**SKUŻAT:**
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**62.1 Talba;**

62.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**62.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

62.2.1 Il-Kunsillier Jonathan Cefai bagħat emejl fejn talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**62.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 61;**

62.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 61 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

62.4.1 Saret iż-żjara tad-delegazzjoni mill-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa. F'din il-laqgħa pparteċipaw s-Sindku, l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana tal-Kunsill. Id-delegazzjoni staqsiet dwar l-andament tal-Kunsill u x'diffikultajiet li jiltaqa magħhom dwar l-awtonomija. Is-Sindku wieġeb għal kull mistoqsija li saret;

62.4.2 Intbagħtet konferma mill-Ministeru għal Għawdex li rċivew il-flus li kien ta l-Ministeru għal Għawdex tax-xogħol ta' *resurfacing* f'parti minn Triq il-Għajn. Il-Kunsill bagħat l-ammont ta' €183,132.63 fil-kont tal-Bank Ċentrali u mit-total li kien ngħata nqatà l-ammont ta' €8,000 bħala spejjeż li għamel il-Kunsill. Għandha wkoll tiġi nfurmata l-Korporazzjoni tas-Servizz tal-Ilma peress li l-Enġinier Charles Camilleri staqsa lis-Sindku dwar il-fondi ta' madwar €100,000 għall-bdil tal-*main* tad-drenaġġ li kienu riservati għall-Kunsill wara ftehim li kien sar ma din il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Korporazzjoni, li kellha tħallas lill-Kunsill meta jitlesta x-xogħol. Il-Kunsill qabel.;

62.4.3 Għandu jintbagħat avviż lir-residenti jekk humiex interessati li jattendu d-*Day Centre* propost fis-Sala tal-Komunità biex jiġi ċċekjat jekk hux vijabbli li jsir. Il-Kunsill qabel;

62.4.4 Ġew miżbugħa s-sinjali tat-traffiku f'diversi toroq;

62.4.5 Tlesta l-manutenzjoni tal-*public convenience*. Dan ix-xogħol sar mar-rinovazzjoni tas-Sala tal-Kunsill;

62.4.6 Tlesta r-rinnovar tas-sala tal-komunità taħt il-gwida tas-Sur Paul Stellini. Il-*blinds* ser jitwaħħlu għada. Din għandha tiġi inawgurata mis-Sindku fl-okkażjoni ta' Jum il-Fontana – 1 ta' Diċembru 2023. Ringrazzjament lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li kienet il-kuntatt mas-Sur Stellini. Dan il-proġett jidher li rnexxa tassew;

62.4.7 Flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana attenda għaċ-ċerimonja li saret Dar il-Mediterran, Valletta fl-okkażjoni tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Ingħata trofew bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu għal 30 sena fil-Kunsill bħala Sindku u Kunsillier mill-Onor. Alison Zerafa Civelli fil-preżenza tal-Onor. Owen Bonnici;

62.4.8 Intbagħtet emejl lill-kumpanija *Little Rock Quarry Limited* sabiex ikun jista jsir il-ħlas tax-xogħol tat-twaqqigħ tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja, li sar kważi sena ilu;

62.4.9 It-trinek li qed isiru ma hu jingħata l-ebda tarmak mill-kuntratturi wara li jagħmlu s-servizz tad-drenaġġ f'diversi toroq fosthom Għajn Tuta, Ta' Mulejja, Triq il-Għajn u Triq il-Qalb ta' Ġesù u jitħallew bil-konkos. Għalhekk għandha tinġibed l-attenzjoni biex isir dan.

62.4.10 Jinxtraw qsari taċ-ċeramika biex jitpoġġew fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi, minflok dawk li hemm tal-ġebel li ttieklu bil-melħ. Il-Kunsill qabel;

62.4.11 Il-Kunsill għandu joħroġ kemm l-offerta tat-tapiti għall-*Playing Field* kif ukoll dik għall-akkwist tal-*cameras* tas-sigurtà. Ġie mwaqqaf il-Bord dwar it-tapiti kompost minn William Sultana bħala *Chairperson*, l-Enġinier Simon Mizzi flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier Carmel Farrugia. Il-Kunsill qabel;

62.4.12 Il-ħarġa soċjo-kulturali għal Sqallija ser issir bejn il-15 u s-17 ta' Diċembru peress li kien hemm xi problemi mill-Aġenzija, li ma tatx il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

programm fil-ħin biex jitqassam lir-residenti. Ser jattendu 17 -il persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia. Ser inżuru l-belt ta' Palermo, Erice, Trapani, Monreale/Monte Pellegrino u *shopping* ġewwa Centro Sicilia. Il-ħlas tat-trasport kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex ser jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel;

62.4.13 Sar it-tindif tas-sala tal-komunità minn Ġuza Schembri;

62.4.14 Hemm bżonn illi jinxtraw lampi għall-fanali ta' diversi toroq. Il-Kunsill qabel illi jinxtraw 12 -il waħda;

62.4.15 Hemm bżonn li ssir it-tiswija tat-tabella li tindika 'Merħba Fontana' fil-bidu ta' Triq il-Għajn li nkisret fil-maltempata ta' din il-ġimgħa. Ser jieħu ħsieb isewwiha Zammit Aluminium;

62.4.16 Tlesta l-*binding* tal-ewwel żewġ volumi tal-minuti tas-7 Leġislatura mill-1 t'April 2013 sad-29 ta' Jannar 2016;

62.4.17 Tlestiet l-irħama bl-ismijiet tas-Sindki li servew fil-lokalità. Din ser tiġi inawgurata mis-Sindku f'Jum il-Fontana fl-1 ta' Diċembru;

62.4.18 Biex isir it-tiżjin tal-Milied bħas-snin ta' qabel. Il-Kunsill qabel li Triq il-Għajn issir mill-Għaqda Armar Fontana u t-Toroq John Gaspard Le Marchant u K.A. Franchi minn Michael Bugeja bl-istess prezz tas-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel;

62.4.19 Il-kwotazzjoni bl-ammont ta' €12,000 mingħand *Window World International* ma' kenitx żball kif ħaseb il-Kunsill. Għaldaqstant sar qbil unanimu li dawn il-pannelli ma jsirux minħabba li l-prezz hu għoli ħafna u jinġabru fil-garaxx;

62.4.20 L-istaffa tal-van tal-Kunsill ser tinxtara mingħand Godnic Garage għall-prezz ta' €850, bit-twaħħil b'kollox. Dan wara li Sindku talbu jraħħas il-prezz ta' €920. Il-Kunsill qabel.

62.4.21 Saret laqgħa *online* mal-ERA fejn ġie diskuss post addattat fejn isiru l-*bring-in-sites*. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom isiru int u dieħel fuq ix-xellug man-naħa t'isfel fi Triq Wied Siekel mal-proposta tal-ERA. Il-Viċi-Sindku astjeniet mid-deċiżjoni.

62.4.22 Ippropona li fl-okkażjoni tal-Milied tingħata bħas-soltu l-ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom, il-Kunsill qabel.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**62.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

62.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**62.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

62.6.1 Ċirkulari AKL 2023/092 bis-suġġett 'MIEMA – Meeting with Regional Councils.

62.6.2 Ċirkulari AKL 2023/094 bis-suġġett Laqgħa mad-Delegazzjoni tal-Maċedonja u l-Kunsilli Reġjonali l-Ġimgħa, 3 ta' Novembru 2023.

62.6.3 Ċirkulari AKL 2023/095 bis-suġġett Mixja President u Xiri ta' T-Shirts.

62.6.4 Ċirkulari AKL 2023/097 bis-suġġett Informazzjoni rigward Ħaddiema Klerikali.

62.6.5 Ċirkulari AKL 2023/098 bis-suġġett Tnedija tad-dokument 'Shared Transport Sustainable Mobility 13/11/2023 .

62.6.6 Ċirkulari AKL 2023/099 *SUMP Consultation Meetings*.

62.6.7 Ċirkulari AKL 2023/102 bis-suġġett Trobbija tan-Naħla u l-Wirt Nazzjonali tagħha.

62.6.8 Ċirkulari AKL 2023/103 bis-suġġett 'Invitation: Online meeting with the Linking the Levels Unit (LINK) of the European Parliamentary Research Services (EPRS).

62.6.9 Ċirkulari AKL 2023/105 dwar Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024. Il-Kunsill qabel li din l-assigurazzjoni tiġi mġedda.

62.6.10 Ċirkulari AKL 2023/106 bis-suġġett Kunsill Reġjonali tat-Tfal 22/11/2023.

62.6.11 Ċirkulari AKL 2023/107 bis-suġġett *Family Fun Fair* għat-tfal tal-Kunsillliera u Ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

62.6.12 Ċirkulari AKL 2023/109 dwar *Christmas Get Together* 16/12/2023.

62.6.13 Ċirkulari AKL 2023/111 dwar Konferenza: Insaħħu l-Komunitajiet tagħna bil-Fondi Ewropej.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

62.6.14 Stedina mill-AKL għal *Christmas Lunch* ġewwa Għawdex nhar is-17 ta' Diċembru 2023. Peress li s-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia ser ikunu Sqallija ma jistgħux jattendu.

62.6.15 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:

- Awguri lill-President tal-AKL għall-ħatra ta' Viċi President fi ħdan il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (Kunsill tal-Ewropa);
- Appoġġ: In-Naħla Maltija bħala l-Insett Nazzjonali. Il-Kunsill qabel illi jappoġġja din l-inizjattiva;
- Taħdita dwar il-kunjomijiet f'Għawdex;
- *Social Media Setup*;
- Manutenzjoni *f'soft areas*;
- *Pedelecs Project*;
- *Updating the list of Local Council DPOs;*
- Il-Festin tal-Milied flimkien mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex- It-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2023. Ir-Reġjun talab lill-Kunsill sabiex jipprovdilu lista ta' eks-Sindki, Viċi-Sindki u Kunsilliera. Din ser tintbagħat;
- Inizjattiva Milied Solidali 2023 mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex;
- Ġbir tal-Ħġieġ u pparkjar ta' karozzi;
- *ERG – Gozo 2026 – Bid Book Submission*;
- *Celebrating Inclusion – 20 Years ON* (seminar by Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabilità);
- *Call for Young Musicians from Gozo to take part in the European Youth Orchestra* 2024;
- *Patriotism – Anti-Racism Event to be held in Gozo*.

62.6.16 Ir-Reġjun Għawdex bagħat rimbors ta' €206.50 mill-Fond - Ħarsien u Spekulazzjoni Ambjentali Għawdex allokat għall-Kunsill Lokali Fontana, dwar l-oġġezzjoni li kien għamel dwar żvilupp f'tarf Triq Wied Siekel.

62.6.17 Korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex bis-suġġett: Letter on PA00570/21 – Ġgantija Heights, Triq il-Parsott, Xagħra. Il-Kunsillier Horace Micallef ma qabilx iżda l-kumplament tal-membri qablu mal-kontenut ta' din l-ittra u approvaw li tintbagħat lill-awtoritajiet konċernati, biex issir oġġezzjoni bħala Kunsill u Reġjun t'Għawdex lill-Awtorità tal-Ippjanar.

62.6.18 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali:

- Miżuri Budget 2024;
- *EMP*960-*Data Playing Fields* madwar Malta u Għawdex;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

- Ċirkulari nru. 20 tal-2023 – Proċeduri ta' 'Setoff' bejn il-Kunsill Reġjonali u l-Wasteserv;
- Ċirkulari Nru. 21 tal-2023-Proċeduri ta' *Invoicing* bejn il-Kunsill Reġjonali u l-Kunsill Lokali għas-servizz ta' ġbir tal-iskart imħallat u *tipping fees;*
- *Updating the list of Local Councils DPOs;*
- Rigal bi mħabba 2023;
- Mistoqsija Parlamentari Nru 13271 – Fondi Ewropej – Kunsilli Lokali;
- Mistoqsija Parlamentari Nru 13290 – Fondi Ewropej – Kunsilli Lokali.

62.6.19 L-SPI fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet emejl dwar pagament tal-iskema SPI/SCI/4/2023 (Sigurta) - Il-Kunsill irċieva s-somma ta' €7,426.88 bħala parti mill-ammont totali. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi għandha toħroġ l-offerta għall-*cameras*.

62.6.20 *Gozo Tourism Association* bagħtet korrispondenza bis-suġġett *Gozo Tourism Awards 2023.*

62.6.21 Korrispondenza mill-Assożjazzjoni Kunsilli Lokali dwar talba ta' nstallazzjoni għall-i*speed cameras*. Il-Kunsill qabel illi jiġi ċċekjat min ser iħallas għalihom.

62.6.22 Korrispondenza minn Servizzi Ewropej f'Malta (SEM):

- *Interreg Italia-Malta 2021-2027: Programme Launch and Information Session;*
- *Erasmus+ Funding Opportunities: KA 1(mobility projects);*
- *Invitation to participate in Youth Project Lab organised by EUPA;*
- Konferenza: Insaħħu l-Komunitajiet tagħna bil-Fondi Ewropej.

62.6.23 Il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija bagħtet korrispondenza lill-Kunsill sabiex jitlob l-appoġġ tiegħu għall-konservazzjoni tan-Naħla Maltija. Il-Kunsill qabel.

62.6.24 *Breeds of Origin Conservancy* bagħtu korrispondenza bis-suġġett 'Kawtela-Ittra għal turija t'appoġġ mibgħuta lill-Kunsilli Lokali'.

62.6.25 L-Awtorità tal-Artijiet bagħtet spjegazzjoni tal-ħlas tal-kirja tal-amministrazzjoni pubblika (L160/2007) tal-ewwel devoluzzjoni li saret tal-art maġenb il-Knisja.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

62.6.26 L-Awtorità tal-Ippjanar infurmat lill-Kunsill illi l-Avviż ta' Infurzar numru ECF 000756/03 fi Triq tal-Għajn ġie rtirat fil-konfront tal-persuna sabiex l-Awtorità tkun tista tirregola ruħha aħjar.

62.6.27 L-iskrivana tal-Kunsill talbet lill-Kunsill sabiex jestendi t-terminu tagħha sat-13 ta' Frar 2024. Dan peress li meta ħadet parir dwar l-irtirar ntqal lilha sabiex tispiċċa dik il-ġurnata. Il-Kunsill qabel unanimament.

62.6.28 It-Tabib Mario Saliba kiteb lill-Kunsill fejn infurmah illi lesta ktejjeb dwar it-tifkiriet tiegħu tal-Fontana u x-Xlendi, li ser ikun jismu 'Mill-Album ta' Tfuliti fit-Triq tal-Għajn'. Huwa lest li jirregala din il-kitba lin-nies tal-Fontana u ma jridx ħlas tax-xogħol li wettaq anzi jagħti d-drittijiet kollha biex il-Kunsill jippubblika dan ix-xogħol, iżda talab li jingħata 100 ktieb. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ser joħroġ l-ispejjez għal din il-pubblikazzjoni u titqassam kopja f'kull residenza. Għaldaqstant ser jiġu ppubblikati 700 ktieb u għal dan il-għan għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet.

62.6.29 Korrispondenza mill-Avukat tal-Kunsill fejn bagħat ir-risposta bħala tweġiba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*Bye Law*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din ir-risposta u flimkien ma' kopja ta' dawn il-minuti meta jkunu approvati għandhom jintbagħtu lid-Dipartiment.

62.6.30 Dwar il-korrispondenza li kienet ntbagħtet fuq il-*beacons* minn 'Explore Malta' saret laqgħa b'mod virtwali fejn ġie spjegat il-proċess. Il-Kunsill qabel illi jsiru f'dawn is-siti:

- Għajn il-Kbira;
- Għajn ta' Bendu;
- Knisja;
- Wied tax-Xlendi u
- Monumenti tas-sajjieda u tal-logħob tan-nar.

62.6.31 Residenta minn Triq Wied Siekel kitbet lill-Kunsill dwar bżonn ta' dawl fil-kantuniera f'tarf Triq San Martin peress li hemm ħafna dlam. Hija ssuġġeriet li teħel bozza (fanal) m'arblu eżistenti li jintuża mill-kumpaniji Go u Melita. Is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia qalu li mad-dar ta' din ir-residenta kien hemm bozza iżda l-istess residenta snin ilu talbet biex titneħħa. Il-Kunsill qabel illi jiċċekkja jekk hemm xi arblu tal-EneMalta biex issir miegħu.

62.6.32 Resident minn Triq il-Qalb ta' Ġesù talab sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali sofor maġenb il-bieb tal-garaxx. Il-Kunsill qabel.

62.6.33 Resident fi Trejqet ix-Xagħri lmenta mill-ammont ta' ħmieġ tal-klieb li mhux jinġabar mis-sidien tagħhom. Huwa ssuġġerixxa li jitwaħħlu tabelli

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

bħala avviż lil dawn is-sidien biex iħallu t-triq nadifa. Kien hemm qbil li jsir dan.

62.6.34 Persuna talbet sabiex fi Triq l-Isptar San Ġiljan issir *sleeping police*man jew *zebra crossing* minħabba s-sewqan esaġerat li jsir fl-imsemmija triq. Il-Kunsill qabel illi jibgħat dan l-ilment lill-Ministeru għal Għawdex peress li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill.

62.6.35 Resident ilmenta li l-bankina bejn ir-residenza tiegħu u tal-ġar mhix f'kundizzjoni tajba bir-riżultat li hija ta' periklu għal min jużaha. Il-Kunsill qabel illi jagħmel il-manutenzjoni neċessarja.

62.6.36 Talba mingħand resident fi Triq il-Qalb ta' Ġesù sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali sofor maż-żewġ naħat tal-garaxx peress li m'għadhomx jidhru. Il-Kunsill qabel u ser jieħu ħsieb jagħmel dan.

62.6.37 Korrispondenza mingħand is-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità dwar trinka fi Triq Wied Siekel li hi ta' periklu għal kull min jgħaddi minn din it-triq. Dan l-ilment li kien imressaq mis-Sindku kien diskuss f'laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Pulizija tal-Komunità. Il-Pulizija ser jieħdu ħsieb sabiex din is-sitwazzjoni titranġa malajr kemm jista jkun.

**62.7 Sitwazzjoni tal-proġetti tal-Kunsill;**

62.7.1 Dwar ir-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl id-Djoċesi t'Għawdex bagħtet il-ftehim l-ġdid. Kemm il-darba dan il-ftehim jiġi ffirmat ikunu jistgħu jibdew l-preparamenti tad-dokumenti għall-offerta. Il-Kunsill qabel illi jiffirma dan il-ftehim.

62.7.2 Intbagħtet l-ittra dwar it-tkomplija tal-proġett tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku lill-kuntrattur sabiex jibda x-xogħol b'mod immedjat. Minkejja li ntbagħtet ix-xogħol għadu ma bediex. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi l-Avukat tal-Kunsill jibgħat ittra lill-kuntrattur sabiex jinbeda x-xogħol.

62.7.3 Dwar il-kont pendenti tax-xogħol tat-twaqqiegħ tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja l-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ittra permezz tal-Avukat sabiex il-kuntrattur jibgħat il-kont lill-Kunsill, biex jintalbu l-fondi tar-Reġjun t'Għawdex dwar l-iskema reġjonali 'Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi 2021'.

62.7.4 Dwar il-proġett tax-xogħol tal-*Playing Field* is-Sindku rrimarka li l-garanzija tal-kuntrattur mhix imġedda u skadiet fil-15 ta' Settembru 2023.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Ser tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex tiġġedded u biex jirranġa l-apramorta milquta fil-parti ta' fuq l-uffiċċju peress li ntlaqtet bil-gaffa waqt ix-xogħol. Huwa sar jaf b'dan fl-14 ta' Novembru 2023 u mmedjatament intalab biex din tiġi mġedda, dan ifisser li għal madwar xahrejn ix-xogħol li sar kien mingħajr il-garanzija bankarja. Il-Perit biddel id-deċiżjoni dwar it-*tunnels* li kienu ser jintużaw u minflok ser isiru *water channels*. Il-Perit issuġġerixxa wkoll li jsir *membrane* minflok l-*liquid tar*. Il-Kunsill qabel.

L-ittra legali li ntbagħtet lill-kuntrattur (kopja annessa Dok A) tal-*Playing Field* ġiet imwieġba permezz tal-Avukat tal-kuntrattur (kopja annessa Dok B).

**62.8 Għoti t'offerti;**

62.8.1 L-offerta għall-fanali tad-dawl ta' fuq iz-zuntier ġiet skwalifikata peress li l-ebda wieħed mit-tlett offerenti ma ssottometta d-dokomenti rikjesti kollha. Il-Kunsill qabel illi jinġabru tlett (3) kwotazzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jinxtraw dawn il-fanali, peress li l-offerta ġa ħarġet tlett darbiet u ħadd mill-offerent ma kien konformi.

62.8.2 Il-Kunsill irċieva tlett (3) offerti għax-xogħol ta' tisbiħ taħt ir-*railing*:

- Little Rock Quarry Ltd. - €132,988.29 (Vat eskluż);
- GM Developments - €121,518.30 (Vat eskluż);
- GTG JV - €129,996.33 (Vat eskluż).

Il-Kunsill qabel illi jimxi mal-parir tal-Bord li kien kompost mill-Perit Manuela Mercieca minflok il-Perit Saliba li l-Kunsill kien approva dan il-bdil f'laqgħa preċedenti, mis-Sindku, mill-Kunsillier Carmel Farrugia, Joseph Bajada u William Sultana bħala *Chairperson*, u jagħti l-offerta lil GTG JV għal prezz ta' €129,996.33 (Vat eskluż). Din l-offerta kienet it-tieni l-irħas peress li l-irħas offerta naqset milli tibgħat l-i*specifications* mitluba u għaldaqstant waqgħet awtomatikament.

**62.9 Approvazzjoni tal-*Quarterly Finanacial Report*: Lulju – Settembru 2023;**

62.9.1 Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Finanacial Report* ta' Lulju – Settembru 2023.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**62.10 Ħatra ta' bord għal vakanza ta' *General Hand*;**

62.10.1 Il-Kunsill ħatar il-bord sabiex ikun jista jevalwa l-applikazzjonijiet għal vakanza ta' *General Hand*. Fuq stedina tas-Sindku l-Kunsillier Horace Micallef m'aċċettax li jkun membru tal-bord. Dan ser ikun magħmul mis-Sindku, mill-Kunsillier Carmel Farrugia, George Refalo bħala *Chairperson* u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**62.11 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv;**

62.11.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv'. Il-Kunsill ġie nfurmat illi wara li saru l-intervisti mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kien hemm kandidata waħda li ġiet misjuba idonea u li ndikat li l-Kunsill tal-Fontana bħala l-ewwel preferenza, għalhekk qalu li ma hemmx bżonn li jsir *interview*. Is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia qalu li ma jagħmilx sens li ma jsirux *interviews* jekk kien hemm persuni oħra nteressati minkejja li l-ewwel għażla tagħhom ma kinitx il-Kunsill tal-Fontana, għax kien ikun hemm aktar għażla.

62.11.2 Il-Kunsill approva l-ħatra u qabel unanimament illi Ms Nadia Gatt tibda mal-Kunsill bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill b'effett mit-2 ta' Jannar 2024.

**62.12 Laqgħa tal-Lokalità;**

62.12.1 Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa tal-lokalità ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2023. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil illi wara l-laqgħa tal-Kunsill issir l-ikla tal-Milied għall-membri u l-istaff fiċ-Ċima Restaurant, ix-Xlendi.

**62.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 49/2023 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2023 u t-30 ta' Novembru 2023 li tammonta għal €12,143.41 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Ottubru.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**62.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 19 ta' Diċembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024.

**IFFIRMATA**
Saviour Borg
Sindku

**IFFIRMATA**
Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA